MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 189/2007/1

**Seasus Ltd**

**vs**

**Francesco Fenech Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Dicembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata minn dan it-Tribunal thallasha s-somma ta' disa' mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm946.45), u cioe' illum ekwivalenti ghal elfejn, mitejn u erba' liri Maltin u erbgha u sittin

centenzmi (€2,204.64), kif jirrizulta mill-*istatement of accounts*, li jirrapprezentaw ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizzi rezi mill-istess socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) u/jew Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

B'sentenza preliminari ta' dan it-Tribunal, datata 2 ta' April, 2008 (Avviz Nru. 189/07), it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li kienet tirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148(a) u 2149(a).

Ra r-risposta ulterjuri tas-socjeta' konvenuta fejn ressqet eccezzjoni ulterjuri, fis-sens li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(C) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal liema eccezzjoni huma m'ghandhomx il-htiega tal-premess preventiv ta' dan it-Tribunal ghaliex tali difiza tista' titqajjem f'kull stadju skond il-ligi.

Ra x-xhieda, ai finijiet tal-eccezzjoni preliminari ulterjuri ta' Kenneth Bone, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Jispjega li bhala socjeta' kienu joffru xoghol ta' *internet software websites*. Jikkonferma li s-socjeta' attrici kienet baghtet l-informazzjoni ta' x-xoghol li kellu jsir u s-servizzi li kellhom jinghataw.

Ikkonferma ukoll li l-ammont li kellu jithallas kien ta' tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm840), u llum ekwivalenti ghal elf, disa' mija u sitta u hamsin Euro u sebgha u sittin centezmi (€1,956.67), flimkien ma' erba' liri Maltin (Lm4), cioe' disa' Euro u tnejn u tletin centezmu (€9.32), bhala *monthly hosting fee*.

Ix-xoghol beda malli s-sur Tony Fenech accetta dak li kien gie propost mis-socjeta' attrici. In-negozjati kienu jsiru bejnu u s-socjeta' konvenuta u kien ikun hemm l-*ex partner* tieghu Joseph Sultana. Kien hemm impjegat iehor involut certu Matthew Piscopo.

Jikkonferma li madwar 10% sa' 15% mix-xoghol tieghu kien jinvolvi kreattivita', partikolarment fejn kien hemm *screen shots* tal-website. Ma jhossx li x-xoghol jista' jigi deskritt bhala xoghol ta' professjonist, izda aktar bhala xoghol li kien jinvolvi l-matematika, xi haga teknika.

Ighid li l-ahjar deskrizzjoni tax-xoghol tas-socjeta' attrici kienet dik ta' *programming* u sabiex dan isir kien hemm bzonn it-tahrig u studju tieghu, pero' dan ma kienx necessarju, izda jghin anke ghal kaz tal-impjegati tieghu.

Huwa zied jghid illi dak li talbet is-socjeta' konvenuta kienet progett tekniku li jinkludi tharrig universitarju, kif ukoll tharrig f'kull livell.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Is-socjeta' konvenuta qed tecepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2149(C) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din id-disposizzjoni tirrigwarda "l-azzjonijiet ta' avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u nginiera civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu."

Meta giet ppromulgata din il-ligi ma kienux jezistu hafna mill-professjonijiet tal-lum jew arti liberali moderni bhal *Film Producers*, *Graphic Designers*, *Interior Decorator* u bosta ohrajn.

Ghalhekk kif diga' gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, din id-disposizzjoni ghandha tigi interpretata mhux b'mod ristrettiv u ghandha tinghata interpretazzjoni skond il-kaz.

Fis-sentenza 'PETER BUSUTTIL VS PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED' (App. Civ. 258/2002, dec. 28.04.2004), l-attur kien ghamel xoghol ta' ffilmjar, *editing* u produzzjoni ta' program televiziv , kif ukoll l-izvilupp ta' l-istess program. Peress li mill-provi rrizulta li l-attur ikkwalifika lilu nnifsu bhala persuna artistikament professjonali, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet f'dik is-sentenza li l-attur ***"ippresta l-hila professjonali tieghu biex jikreja l-"opus" mixtieq u ghalhekk ix-xoghol tieghu ma jistghax hlief jidhol fl-ezercizzju ta' arti liberali."***

Id-differenza sostanzjali, pero' bejn din il-kawza u din in ezami, hija l-attur. F'dan il-kaz hija socjeta' attrici li pprezentat il-kawza u minkejja li Kenneth Bone, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, jispjega li bhala socjeta' kienu joffru xoghol ta' *internet software websites,* huwa jispjega li l-ahjar deskrizzjoni tax-xoghol tas-socjeta' attrici kienet dik ta' *programming* u sabiex dan isir kien hemm bzonn it-tahrig u studju tieghu, pero' dan ma kienx necessarju, izda jghin anke ghal kaz tal-impjegati tieghu.

Socjeta' ma tistax tezercita per se "arti liberali," jew sahanistra "professjoni." Dan il-punt gie sorvolat fil-kaz 'JOHN PORTELLI NOE VS C.FINO & SONS LIMITED' (App. 07.10.1997)

***"….is-socjeta' attrici hija agenzija ta' reklamar, hija dik maghrufa bhala service industry u la hija professjoni u lanqas artista. Hija timpjega nies ohra, bhal ma huma fotografi, pero' s-servizz li toffri huwa dak ta' reklamar u hija***

***socjeta' kummercjali. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attivita' kummercjali ma tistax tigi kkunsidrata bhala professjoni jew arti liberali."***

Is-socjeta' Seasus Limited mill-profil taghha toffri servizzi ta' *software and web solutions*, servizzi ta' konsulenza, kif ukoll *web development services*, u hekk kien sar bejn s-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta. Per se' s-socjeta' attrici ghalhekk kienet qed toffri servizzi kummercjali ta' *web site designing* u ghalhekk ma taqax fl-ambitu tal-interpretazzjoni ta'l-Artikolu 2149(C).

Ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' konvenuta u tordna il-prosegwiment tal-kawza fil-meritu.

Bl-ispejjes relativi a kariku tas-socjeta' konvenuta.**"**

Fit-12 ta' April, 2010 l-istess Tribunal ghadda biex iddecieda l-mertu tal-vertenza bid-decizjoni infraskritta:-

**"**It-Tribunal,

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata minn dan it-Tribunal thallasha is-somma ta' disa' mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm946.45), u cioe' illum ekwivalenti ghal elfejn, mitejn u erba' ewro u erbgha u sittin centezmi (€2,204.64), kif jirrizulta mill-*istatement of accounts*, li jirrapprezentaw ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizzi rezi mill-istess socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) u/jew Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili.

Illi preliminarjament in-numru ta’ registrazzjoni tas-socjeta’ konvenuta m’huwiex dak indikat.

Illi l-pretensjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi s-servizzi li kellhom jigu pprestati mis-socjeta’ attrici ma twettqux, jew inkella x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mil-ligi.

B’sentenza preliminari ta’ dan it-Tribunal, datata 2 ta’ April, 2008 (Avviz. Nru. 189/07), it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta li kienet tirrigwarda l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148 (a) u 2149 (a).

Ra r-risposta ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta fejn ressqet eccezzjoni ulterjuri, fis-sens li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149 (C) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghal liema eccezzjoni huma m’ghandhomx il-htiega tal-permess preventiv ta’ dan it-Tribunal ghaliex tali difiza tista’ titqajjem f’kull stadju skont il-ligi.

Ra s-sentenza preliminari moghtija minn dan it-Tribunal datata 12 ta’ Dicembru, 2008.

Ra x-xhieda ta’ Kenneth Bone, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, li jghid li ghal habta tal-Milied tas-sena 2002 kien iltaqa’ ma’ Tony Fenech, wiehed mid-diretturi tas-socjeta’ konvenuta li kienet interessata li taghmel uzu mis-servizzi taghhom.

Kien qablu fuq il-*quotation* u s-socjeta’ attrici kienet bdiet ix-xogholijiet taghha. Kienet tikkomunika mas-segretarja tas-socjeta’ konvenuta biex tghidilha dwar l-izviluppi li kienu qed isehhu

fix-xoghol u kien ghal habta tas-sajf tas-sena 2003 li kienet lestiet ix-xogholijiet.

Ighid li kien ircieva xi ilmenti minghand Anthony Fenech, jew xi rapprezentant tieghu, li l-*website* ma kienx wiehed soddisfacenti u effettiv u kien ghalhekk li kien ghamel xi tibdiliet u wara li lesta l-*website* ma kienx ircieva lmenti ohra.

Kien ipprova jikkomunika ma' Fenech, jew xi rapprezentant tieghu, jekk kienx hemm xi problema bix-xoghol jew jekk kienux soddisfatti, izda ma kienx ha soddisfazzjon.

Dwar l-*e-mail* tat-3 ta' Frar, 2003, ix-xhud jinnota li din kienet *e-mail* li kienet intbaghtet lil Joseph Sultana fejn kienu qed jitolbu li jieqaf is-servizz. Dak iz-zmien Sultana kien *shareholder* mieghu fis-socjeta' attrici, izda ma kellux x'jaqsam ma' *websites* u ma kien qallu xejn dwar *e-mail* li kien allegatament ircieva minghand is-socjeta' konvenuta li kienet qed titlobhom li jieqfu mix-xoghol li kienu gew inkarigati li jaghmlu. Hu kien ircieva *e-mail* minghand Romina Sullivan, impjegata ma' Fenech wara, u cioe' 19 ta' Frar, u 27 ta' Frar, 2003 fejn Fenech kien qed jitlob xi *specifications* u ghamel xi talbiet ohra u dawn kienu saru. Pero' ma kienx jaf jekk kienux soddisfatti jew le, izda kien dam jigri wara Fenech sabiex jithallas, izda baqa' ma hax risposta u ma thallasx.

Jammetti li kien hemm okkazzjoni fejn xtara xi oggetti minghand is-socjeta' konvenuta u wara li hareg ic-cekk, kien ghamel *stop payment* ghaliex hass li din kienet haga gustifikabbli stante li s-socjeta' attrici kienet ghadha ma hallsitux.

Gara wkoll li jumejn wara kien ircieva ittra legali minghand l-avukat tas-socjeta' konvenuta ghal hlas.

Kienu baghtu l-*invoices* lis-socjeta' konvenuta, izda din baqghet ma hallsitx u qatt ma kienet tat lis-socjeta' attrici spjegazzjoni ghalfejn ma rieditx thallas.

Ix-xhud ighid li kien ittenta jikkomunika mas-socjeta' konvenuta sabiex jara ghalfejn ma kienux hallsu, u qatt ma kienu tawh raguni.

Jikkonferma li kien hemm nies li kienu baghtu *e-mails* lis-socjeta' konvenuta tramite l-*website,* u dan sabiex jigi kkonfermat li kien qed jigi uzat.

Ra x-xhieda ta' Anthony Fenech, bhala direttur tas-socjeta' konvenuta. Huwa xehed li kien wara li xtara diversi *computers* minghand certu Sultana, li kien shab ma' Kenneth Bone, li kien inkariga lil Bone sabiex jiddisinjalu l-*website* tas-socjeta' konvenuta.

Kien wieghdu li sa Dicembru, 2002 dan il-*website* kellu jkun lest.

Minkejja li kienu tkellmu diversi drabi, ix-xoghol qatt ma tlesta.  Kien jitlob lill-impjegati sabiex itellghulu l-*website* fuq il-*computer*, izda qatt ma kienet titla' u minflok kienet titla' informazzjoni ohra fuq is-socjeta' konvenuta.

Ighid ukoll li peress li kienu ghaddew xahrejn minn Dicembru, 2002, u l-*website* kien ghadu ma jiffunzjonax, kien talab lill-impjegat tieghu sabiex jinforma lil Bone, permezz ta' *e-mail* li s-socjeta' konvenuta ma kellhiex pjacir aktar bis-servizzi tas-socjeta' attrici. Il-ftehim kien li kull darba terza persuna kienet idahhal l-isem tas-socjeta' konvenuta fuq l-*internet*, kien jitla' l-ewwel is-sit ufficjali tas-socjeta' konvenuta, izda dan ma kienx qed jigri.

Kien ilmenta ma' Bone dwar dan, izda kien baqa' jwieghdu li xi darba jew ohra dan kien ser jigri.

Ix-xhud jametti li huwa ma jifhimx fil-*computers* u fil-fatt Bone kien jikkomunika ma' Romina Sullivan, li dak iz-zmien kienet segretarja mas-socjeta' konvenuta.

Wara dan l-*e-mail*, Bone kien cempel sabiex jinghata zmien sabiex ilesti x-xogholijiet, izda Fenech insista li ma riedx jaccetta s-servizzi tas-socjeta' attrici aktar u li kien hallas li kellu jhallas lil Sultana, shab Bone. Lil Bone ma kienx hallsu ghaliex ma kienx ghamel ix-xoghol.

Fl-1 ta' Marzu, 2006 il-*partner* ta' Bone, Marcelle Mercieca, kienet ordnat *table top* minghandhom ghal prezz ta' seba' mitt lira Malti (Lm700), u cioe' ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin ewro u sitta u hamsin centezmi (€1,630.56) u kienu tawhom *discount,* u l-ewwel kienet hallset depozitu ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210), u cioe' ekwivalenti ghal erba' mija u disgha u tmenin ewro u sbatax-il centezmi (€489.17), u wara li saret il-konsenja fl-20 ta' April, 2006 kien sar l-pagament tal-bilanc fl-ammont ta' erba' mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm436), u cioe' ekwivalenti ghal elf u hmistax-il ewro u wiehed u sittin centezmi (€1,015.61) mahrug minn Kenneth Bone.

Kien ikkomunika ma' Bone personalment, peress li dan ic-cekk ma kienx issarraf u dan ta' l-ahhar kien qallu li kien waqqaf il-pagament ghas-saldu tal-ammont li kien ghadu dovut lejn is-socjeta' attrici u li tieghu kienet ghadha ma thallsitx.

Wara intervent legali, Bone kien hallas u sussegwentement kien fetah il-proceduri odjerni.

<u>Ikkunsidra</u>

Is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ghas-servizzi li provdiet lis-socjeta' konvenuta, u cioe' disinn ta' *website* ghas-socjeta' Francesco Fenech Limited.

Jidher li ma hemmx kontestazzjoni li originarjament kien hemm ftehim li x-xoghol kellu jkun lest sa' Dicembru, 2002, izda jirrizulta li dan ma sehhx. In sostenn ta' dan hemm l-*e-mail* li esebixxa Anthony Fenech tat-3 ta' Frar, 2003 li kien baghat lil Joseph Sultana fejn kien inkarigah jwaqqaf ix-xoghol ghal dan il-*website,* peress li kien ghadda z-zmien minn meta originarjament kellu jkun lest ix-xoghol.

Apparti din ir-raguni, Fenech jispjega li ma hassux kuntent u soddisfatt bix-xoghol tas-socjeta' attrici ghaliex kull meta wiehed kien idahhal l-isem tas-socjeta' konvenuta fil-kompjuter, precisament fuq is-*search system* tal-*internet*, ma kienitx titla' l-*website* tas-socjeta' konvenuta bhala l-ewwel informazzjoni fuq il-kompjuter u, ghalkemm ma kienx jaf kif juza' kompjuter, kien hass li la darba kienu gibdilu l-attenzjoni li l-*website* ma kienx qed jiffunzjona sew, ma kellux alternattiva li jzomm *in vigore* l-ftehim li kellu mas-socjeta' attrici.

Ghal dan kollu, Kenneth Bone, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, jispjega li kien hemm xi zmien meta kien hemm xi talbiet u kien ghamel it-tibdiliet hekk kif mitluba. Kien hemm prova ta' dan mill-*e-mails* li kienu jintbaghtu bejnu u Romina Sullivan, segretarja ta' Anthony Fenech. Jidher li l-trattivi ghat-tibdiliet kienu jsiru bejn dawn iz-zewg (2) persuni u dan huwa fatt ikkonfermat minn Fenech stess.

Jekk is-socjeta' konvenuta kienet qed tinsisti li ma kellhiex thallas ghaliex ma kienx inghata servizz skond is-sengha u l-arti, kien fl-obbligu taghha li tikkonferma dan permezz ta' impjegat jew persuna li ttentat tutilizza l-*website* u kellha xi problemi, izda l-unika prova li gabet hija l-*e-mail* li kien baghat Fenech lil Joe Sultana.

Romina Sullivan li kellha parti importanti fil-finalizzazzjoni tas-sit, ma tressqitx bhala xhud. Pero', fuq dak li innota Bone, fix-xhieda tieghu, jirrisulta li minkejja li Fenech kien talab lil Sultana li jwaqqaf ix-xoghol ghas-sit, u dan kien fit-3 ta' Frar, 2003, dakinhar stess, aktar kmieni kienu ntbaghtu diversi *e-mails* bejn Bone u Sullivan fejn hemm indikazzjoni li Fenech kien qed jaghmel pressjoni ghaliex ried li dan il-*website* jibda jiffunzjona mhux mill-aktar fis, izda dakinhar stess. Hafna mill-*e-mails* ntbaghtu filghodu u l-ahhar *e-mail* li gie esebit u li ntbghat bejn Fenech u Sultana kienet filghaxija.

Il-fatti jkomplu jikkomplikaw ruhhom, meta gie indikat lit-Tribunal li bejn id-19 ta' Frar, 2003 u 27 ta' Frar, 2003, kien hemm aktar *e-mails* bejn Bone u Sullivan, fejn din kienu qed jitolbu xi tibdiliet fil-*website* u hemm identifikati x'kienu. Hemm indikat ukoll li wara dawn it-tibdiliet ma kienx jidher li kien hemm aktar xoghol sabiex finalment dan is-sit ikun komplut u seta' jiffunzjona.

Hemm verzjonijiet kontrastanti, dwar il-fatti. Jekk verament Fenech kienx waqqaf ix-xoghol, kif minn naha l-ohra xi gimghat wara, Sullivan, li hija s-segretarja tal-istess Fenech, u ghalhekk prezumibilment kienet tagixxi fuq l-istruzzjonijiet tieghu, kienet ghada in kuntatt ma' Bone dwar tibdiliet fis-sit.

Ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li l-*e-mail* li baghat Fenech, intbghat lil Sultana li dak iz-zmien kien *shareholder* ma' Bone fis-socjeta' attrici u skont Bone, qatt ma kien gie infurmat bl-intenzjoni ta' Fenech.

Hemm verzjonijiet kontrastanti, pero' peress li qedghin fil-kamp civili, dan it-Tribunal jrid jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu a bazi ta' probabilita'. Bone jikkonferma li ma thallasx pero' lanqas qatt ma nghata soddisfazzjon ta' x'kienu l-problemi jew

l-ilmenti tas-socjeta' konvenuta, tant hu hekk, li anke meta Fenech kien iddecieda li jwaqqaf l-inkarigu li kien ta lis-socjeta' attrici, semplicement ghaliex ma kienitx lestiet fil-hin, jidher li kien biddel fhemtu sa ftit gimghat wara.

Inolte hemm ukoll il-fatt li s-socjeta' konvenuta ma pproduciet l-ebda xhud sabiex jsostni li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti. Ma pproducietx lil Sultana, li mill-provi rrizulta li ma kienx ghadu shab ma' Bone u lanqas lil Romina Sullivan, is-segretarja tieghu li kienet tiehu hsieb il-komunikazzjoni ma' Kenneth Bone. Sullivan u Sultana, zgur kienu jkunu xhieda lampanti u kienu jghinu biex jiccaraw l-fatti.

Ghalhekk, il-verzjoni tas-socjeta' attrici tidher li hija dik l-aktar probabbli, u cioe' li s-socjeta' konvenuta inizzjalment xtaqet twaqqaf ix-xoghol li kienet inkarigat lis-socjeta' attrici biex taghmel, izda sussegwentement baqghet taghmel xi tibdiliet, bil-presuppost li ma waqqfitx is-servizz u mbaghad ghal xi raguni jew ohra ma hallsitx.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' disa' mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm946.45),u cioe' illum ekwivalenti ghal elfejn, mitejn u erba' ewro u erbgha u sittin centezmi (€2,204.64). Bl-ispejjes u l-imghax legali."

Fil-konfront tas-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2008 s-socjeta` konvenuta appellat bl-aggravju illi s-servizz lilha prestat kien jikkwalifika bhala "arti liberali" u tali kien jattira l-preskrizzjoni minnha opposta a norma ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili. Hija tikkritika din is-sentenza fuq zewg binarji: il-wahda, illi t-Tribunal naqas milli jifli b'mod adegwat in-natura tas-servizz u, fit-tieni lok, il-fatt li s-servizz gie prestat minn socjeta` kummercjali ma kien ibiddel xejn;

L-istess socjeta` konvenuta tikkontesta mbaghad is-sentenza fil-mertu moghtija fit-12 ta' April, 2010 preponderantement bis-sottomissjoni illi mill-provi akkwiziti ma ntlahaqx dak il-grad ta' probabilita` illi s-socjeta` attrici wettqet il-prestazzjonijiet taghha skond is-sengha u l-arti;

L-ewwel kwestjoni li tipprospetta ruhha f'dan l-appell tirrigwarda l-punt tal-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2149 (c), Kapitolu 16, li tolqot "l-azzjonijiet ta' avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu". Ta' min jissenjala illi l-kliem generici fl-ahhar parti tad-disposizzjonijiet gew imwessgha biex jinkludu kategoriji ohra ta' professjonijiet u ta' persuni li ghandhom vokazzjonijiet partikolari. Ad ezempju, l-awdituri, kif attestat fis-sentenza fl-ismijiet "**Stuart G. Craig *et nomine* -vs- George Mifsud *nomine***", Appell, 27 ta' Marzu, 1998, u, fejn, incidentalemnt ukoll, giet minn dik il-Qorti akkolta l-preskrizzjoni opposta a tenur ta' l-Artikolu 2149 (c);

Affermat dan, is-socjeta` attrici topponi ruhha ghall-aggravju ventilat bis-sottomissjonijiet li jsegwu:-

1. Is-socjeta` hi wahda kummercjali u, allura, fuq l-iskorta tas-sentenza "**John R. Portelli *nomine* -vs- Wallace Fino *et nomine***", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997, ma tistax tezercita *per se* arti liberali;

2. Kieku stess kellu jkun accettat illi dak li jghodd huwa n-natura intrinsika tas-servizz gestit, xorta wahda ma kellhiex ikollha applikabilita` l-preskrizzjoni eccepita ghaliex hi tispecjalizza f'disinn ta' *website* u xoghol iehor ancillari, inkluz installazzjoni, manutenzjoni u *debugging* tas-*software.* Ghalkemm taccetta li dan ix-xoghol huwa estetikament artistiku, fil-kumpless hu xoghol xjentifiku u tekniku;

3. In raguni ghad-decizjoni fl-ismijiet "**Ruggiero Cali -vs- Arkitett George Galea**", Appell Civili, 11 ta' Mejju, 1956, gjaladarba l-korrispettiv gie miftiehem specifikatament minn qabel, il-preskrizzjoni *de quo* lanqas ma hi applikabbli;

Hu kanoni guridiku, specjalment in tema ta' preskrizzjoni, illi l-kliem tal-ligi m'ghandhomx jigu interpretati estensivament. Tali hu ben konkordi f'gurisprudenza maghrufa bhal dik fl-ismijiet "**Paolo Lanfranco -vs- Francesco Calleja**", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Novembru, 1921. Hu pero` ovvju illi kull kaz irid jigi konsiderat fil-fattispeci tieghu partikolari in bazi ghall-volonta tal-kontraenti kif emergenti mir-rizultanzi processwali, u l-aktar dak tan-natura intrinsika tal-prestazzjoni applikata skond konvenzjoni preventiva. Tinsorgi ghalhekk id-domanda jekk f'dan il-kaz partikolari x-xorta ta' servizz pprestat kienx tali li jattira lejh il-karattru dispositiv tal-preskrizzjoni in kwantu ghat-tipicita tieghu skond it-termini ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili;

Issa minn ezami interpretattiv tal-predett provvediment tal-ligi hi l-fehma tal-Qorti illi, meta l-ligi tirreferi ghall-"persuni ohra li jezercitaw professjoni jew arti liberali ohra", din l-espressjoni tikkomprendi dawk il-professjonijiet liberi li fl-attivita taghhom jipprestaw opra intellettwali jew krejattiva, ossija l-impjieg ta' intelligenza jew ta' kultura specifika fil-kamp partikolari, bi prevalenza fuq l-uzu eventwali ta' xi xoghol manwali. Kontrattazzjoni ta' din l-ispeci certament tinvolvi obbligazzjoni mill-prestatur li jaghti rizultat bil-konsenja ta' l-*opus*. Ta' din ix-xehta huma l-ipotesijiet kollha kkontemplati fl-Artikolu 2149 fejn ghandek il-prevalenza tal-*locatio d'operis* kif definiti fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Hekk b'illustrazzjoni jinsab ritenut illi d-disposizzjoni relattiva (Artikolu 2149) tirreferixxi ghall-kreditiri ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulatur u li aktar minn opra jipprestaw *opus.* Ara in referenza ghall-ipotesi taht l-inciz (a) is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-4 ta' Marzu 1958 fl-ismijiet "**Domenico**

**Bezzina *proprio et nomine* -vs- John Said**". Inghad fiha illi l-attur kien jezercita impriza ta' ingenerija u jispekula fuq l-opra ta' l-impjegati tieghu, u ma pprestax biss l-opra tieghu ghall-konvenut, imma ghamel xoghol ("*opus*") konsistenti fit-twaqqif ta' "*Merry-go-Round*";

Fil-kaz taht skrutinju s-socjeta` attrici ipprestat *opus* ta' *internet software websiter* u kif spjegat minn Kenneth Bone (fol. 15) rapprezentanti tas-socjeta` attrici, xoghol bhal dan, apparti l-*functionality* tieghu jinvolvi krejattivita indipendentement jekk huwiex artistiku, xjentifiku jew tekniku, u xoghol estetiku, apparti servizzi ancillari "fosthom konsulenza, *software development* u *graphic design*. Wara kollox l-istess rapprezentanti tas-socjeta` attrici jikkoncedi li hu ghamel xoghol "bhal ma jaghmel xoghol avukat, tabib, etc" (ara xhieda tieghu in kontro-ezami). Li jfisser li hu nnifsu ixebbah l-operat tieghu ghal dak ta' dawk il-professjonisti. Kif gja kellha okkazjoni tirrileva din l-istess Qorti, xoghol ta' *software* jew *computer programming* hu wiehed intellettwali, u tali jiddifferenzja ruhu minn semplici bejgh ta' oggetti. Naturalment, kif issokta jigi pprecizat, minn jippresta attivita intellettwali bhal din hu mistenni li jiggrarantixxi wkoll il-bonta ta' l-*opus* tieghu. "Dan ighodd ugwalment ghal min jaghmel opra intellettwali bhal ma hu *software,* in kwantu l-funzjonament tajjeb tieghu jikkostitwixxi certament element indispensabbli u intrinsiku". Ara "**Martin Degabriele *nomine* -vs- Frank Psaila**", Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007 u f'sens konformi, "**Selective Quality Letting Ltd -vs- Mall Systems Ltd**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 28 ta' Jannar, 2008;

Is-socjeta` attrici tissottometti illi, ankorke n-natura ta' l-*opus* taghha f'dan il-kaz kienet tax-xorta appena pprecizata, gjaladarba hi kumpanija kummercjali ma jistax jinghad illi hi tezercita "arti liberali". Fil-kuntest hi tiehu spunti minn dak determinat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "**Portelli *nomine* -vs- Fino *et nomine***";

Issa apparti li f’dak il-kaz si trattava minn agenzija ta’ reklamar, li la hi professjoni u lanqas artistika skond kif ragunat minn dik il-Qorti, il-fattispeci hawnhekk ma jidhrux li ghandhom xebh ma’ dak il-kaz, valjati l-elementi specifici karatterizzanti l-opra intellettwali u krejattiva tal-prestazzjoni *de quo*. Wisq logikament din il-Qorti lanqas ma taqbel illi ghaliex il-prestatur ta’ l-opra hi kumpanija, din ma tikkwalifikax bhala “persuna” li tippresta l-hila professjonali taghha ghall-krejazzjoni ta’ *opus*. Certament l-espressjoni “persuni ohra” fit-test ta’ l-Artikolu 2149 (c) tinkludi mhux biss persuni fizici imma wkoll “korp jew ghaqda ta’ persuni”, sew jekk dak il-korp jew dik l-ghaqda jkunu persuna guridika skond id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili, sew jekk le”. Ara Artikolu 4 ta’ l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249). In effetti fid-decizjoni aktar ‘il fuq imsemmija (“**Craig *et nomine* -vs- Mifsud**”) it-talba ghall-hlas ta’ ammont rapprezentanti drittijiet professjonali ghal servizzi rezi saret minn socjeta` ta’ awdituri, li wkoll timpjega n-nies maghha. Ukoll f’dak il-kaz giet ravvizabbli l-preskrizzjoni ta’ sentejn ghall-hlas tar-retribuzzjoni reklamata minnha;

Dejjem bl-iskop li tirribatti l-preskrizzjoni eccepita, is-socjeta` appellata tirriferi ghad-decizjoni fl-ismijiet “**Cali -vs- Galea**”. Fuq dan il-punt ghandu jinghad li xejn kuntrarju ghal dak li jinghad f’dik id-decizjoni ma jista’ jingibed b’konfrontazzjoni ghall-preskrizzjoni opposta ghaliex ic-cirkostanzi ta’ dik il-kawza ma kellhom assolutament xejn x’jaqsmu ma’ dik prezenti. Anzi l-Qorti tahseb li l-argument tas-socjeta` attrici fuq dik id-decizjoni mhux biss ma jistax ighinha izda, infatti, ghandu jigi ritort kontra taghha. Sta di fatto li f’dik il-kawza l-ohra l-attur kien jahdem mal-Perit Pitre` u kien jehodlu hsieb l-pjanti, disinji u *schedule of works* u sussegwentement jaqsam id-dritt tal-prestazzjonijiet flimkien ma’ dak il-Perit. Sa hawn il-Qorti rragunat illi dak ix-xoghol kien jidhol fl-ezercizzju ta’ l-arti liberali, ghal liema l-attur thallas minghand l-eredi ta’ l-imsemmi Perit. Mal-mewt ta’ dan gie inkarigat il-konvenut Perit Galea u mieghu l-attur ghamel ftehim specjali. Hawnhekk, dejjem dik l-istess Qorti, irrilevat illi gjaladarba l-*causa debendi* kien dak il-ftehim specjali,

filwaqt li x-xoghol u l-intercessjoni ta' l-attur hija l-*causa causans* ta' dak il-ftehim, il-preskrizzjoni kellha f'dak il-kaz tigi limitata strettament ghal dak il-ftehim. In parentesi, din il-Qorti tistqarr li ghandha certi rizervi dwar din id-decizjoni ghaliex jekk bejn l-attur u l-Perit Pitre` kien appattwit li d-dritt ricevut minghand il-klijent jinqasam, kellu jsegwi illi l-ftehim sussegwenti li sar mal-Perit Galea korrispondenti ghat-terz ta' l-istess dritt kellu se mai, b'koerenza, jsegwi l-istess interpretazzjoni li l-Qorti akkordat lill-ftehim bejn l-attur u l-Arkitett Pitre trattasi ta' talba ghall-hlas ta' dritt ta' l-operat tieghu;

Jirrizulta bhala stat ta' fatt illi x-xoghol ghal liema saret it-talba mis-socjeta` attrici jirrisali ghas-sena 2003 (ara fattura korrispondenti datata 10 ta' Marzu, 2003 a fol. 2) mentri l-azzjoni giet intavolata fis-27 ta' Frar, 2007, ossija 'l fuq mis-sentejn preskrizzjonali ghall-estinzjoni ta' l-azzjoni;

Il-konkluzjoni ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha hu li l-appell kontra s-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2008 hu fondat u t-Tribunal kien messu laqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2149 (c), Kapitolu 16. Fic-cikostanzi tezisti raguni valida biex din il-Qorti tiddissenti ruhha mill-konkluzjoni raggunta f'dik id-decizjoni appellata. Evidentement, la l-Qorti qed taccetta l-ewwel gravam sottopost lilha mhux il-kaz illi tghaddi biex tinvesti l-gravam l-iehor kontra s-sentenza fil-mertu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell fil-konfront tas-sentenza preliminari tat-Tribunal tat-12 ta' Dicembru 2008 billi tiddikjara l-azzjoni tas-socjeta` attrici bhala preskritta a norma ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici. Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni materjali ta' l-aggravju kontra s-sentenza fil-mertu tat-12 ta' April, 2010. Huwa xieraq li fil-kaz ta' din is-sentenza u l-appell relattiv dwarha jitbatew nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------